Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Numru. 425/2006

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**Versus**

**David Julius Carmelino Sciberras**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontr David Julius Carmelino Sciberras ta' 20 sena iben Matin u Beverly Joyce nee Townsend imwieled Slough l-Ingilterra fit-2 ta' Marzu 1986 u residenti Burnham lodge Triq il-Buganvilla Swieqi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 465494(M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-16 ta' Settembru, 2002 u matul l-aħħar xhur qabel dina d-data:-


Qrati tal-Gustizzja

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) kellu wkoll fil-pusees tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ) kellu wkoll fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-KAp 9 jekk jitqabbdu esperti u l-imputat jinstab ħati.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid li l-imputat kellu 16-il sena u nofs meta seħħew l-allegati reati.

Mill-fatti jirriżulta li l-imputat kien iddaħħal l-isptar minħabba overdose ta' eroina allegatament. Meta saru t-testijiet fl-isptar kien irriżulta li l-imputat kien pożittiv għall-opiates u THC.

Fl-istqarrija l-imputat qal li kellu argument m'ommu u kien ħa xi panadols mal-whisky. Kien jaf li qatta' tlitt jiem l-Isptar u li kien instab positive għall-eroina u l-cannabis. Iżda meta kien mistoqsi minn meta beda juża l-eroina huwa wieġeb 'Qatt.'

Dwar il-cannabis, huwa qal li ġimgħa qabel l-overdose kien ġo Paceville u ltaqa' ma' Ingliż li offrielu sigarett u qallu lid an seta' jirrilakksjah. Huwa kien iltaqa' miegħu t-tieni darba u kein tah sigarett ieħor. Din il-persuna ma kinitix qaltlu li s-sigarett kellu l-kannabis.

Mix-xhieda ta' Manuel Micallef irriżulta li l-imputat kien iddaħħal l-Isptar isofri minn mediċini li wieħed jista' jixtri over the counter. Magħhom kien xorob ftit alkoħol. Il-Paracetamol lien fil-foma ta' panadol extra. Ma rriżultax li l-imputat kien ħa l-eroina.

Minn dawn il-provi l-Qorti qed tiddeċiedi:

(a) Dwar l-ewwel imputazzjoni : li ma nġabet ebda prova li l-imputat kien fil-pussess tal-eroina. Għalhekk il-Qorti qed tilliberah minn din l-imputazzjoni.

(b) Dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni l-Qorti tqis li llum m'hemmx għalfejn tkun kbir fl-eta' biex tkun taf bl-eżistenza tas-sustanza cannabis speċjalment jekk qed tiġġerra ġewwa Paceville. Meta persuna mhux magħrufa tatu sigarett u qaltlu li kien ser jirrilakksjak, l-imputat seta' faċilment induna li dan ma kienx sigarett tas-soltu. U jekk ma ndunax l-ewwel darba, żgur kellu ċans jinduna t-tieni darba. Madankollu qed tagħti lill-imputat il-benefiċċju tad-dubju minħabba li kien fl-istqarrija stess li esprima li l-persuna mhux magħrufa ma kenitx qaltlu x'fih is-sigarett.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 u r-

regolament 9 tal-GN 292/1939 qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------